

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

---

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2018 – Bax vs BĊE****(Kawża T-433/18)**

(2018/C 328/71)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Annemieke Bax (Frankfurt, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Levi u A. Champetier, avukati)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE tal-14 ta' Diċembru 2017, li tiċħad l-applikazzjoni tar-rikorrenti sabiex tibbenefika mill-iskema ta' għajjnuna għal tranżizzjoni professjonali implementata mill-BĊE;
- jekk meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tal-BĊE tat-8 ta' Mejju 2018 li tiċħad l-appell speċjali tar-rikorrenti;
- tordna lill-BĊE jħallas lir-rikorrenti kumpens għad-danni morali sostnuti fl-ammont ta' EUR 20 000;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq allegat ksur tal-prinċipji ta' trasparenza, ta' nondiskriminazzjoni u ta' ċertezza legali.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-Deċiżjoni SEC/EB/X/17/398a.rev-1/final ("Metodoloġija Ġenerali għall-Implementazzjoni Prattika tal-Iskema ta' Għajjnuna għal Tranżizzjoni Professjonali (CTS)") hija illegali, *inter alia* għaliex tikser id-Deċiżjoni ECB/2017/NP 19 tas-17 ta' Mejju 2017.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenut naqas milli jissodisfa d-dmir ta' diliġenza tiegħu lejn ir-rikorrenti.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq allegata diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, kuntrarjament għad-Direttiva 2006/54.<sup>(1)</sup>
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba l-applikazzjoni ta' kriterji ta' eliġibbiltà sproporzjonati.

---

<sup>(1)</sup> Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23).